# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

# IMHALLEF:

# ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 17**

**Cit. Nru. 2014/2001 GCD**

**Gasan Enterprises Limited**

**Vs**

**Philip George u Marthese konjugi Degiorgio**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` attrici skond ghaxar (10) kambjalijiet li kopja taghhom giet annessa mac-citazzjoni u mmarkata bhala Dok. 1 (Acc. 340001 Nru. 05 sa 014) u li l-originali taghhom sejrin jigu esebiti waqt il-kawza, tinsab kreditur tal-konvenuti fis-somma ta' hamest elef, seba' mija u disgha u sittin liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm5,769.20);

Illi dawn il-kambjalijiet kollha skadew u baqghu ma thallsux u dana nonostante li l-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu dan l-ammont;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi a tenur ta' l-artikolu 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) billi l-kreditu ta' l-attur nomine huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjeta` attrici, il-konvenuti ma ghandhomx l-ebda raguni jew eccezzjoni valida x'jaghmlu f'din il-kawza;

Talbet illi din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' hamest elef, seba' mija u disgha u sittin liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm5,769.20) dovuti skond ghaxar kambjalijiet kif fuq intqal u ghar-ragunijiet premessi bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12);

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' ittra bonarja datata 6 ta' Frar 2001, ittra ufficjali datata 10 ta' April 2001 u ta' mandat ta' sekwestru ipprezentat fil-31 ta' Mejju 2001 kontra l-konvenuti, u bl-imghaxijiet legali kontra l-istess konvenuti mid-data ta' l-iskadenza tal-kambjala.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Dr. Louis Bianchi u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process;

Rat ukoll in-nota li biha l-attrici naqqset it-talba ghal Lm4,269.20, barra l-imghax u l-ispejjez;

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenuti fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, il-konvenuti baqghu ma dehrux.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenuti tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm